



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 70/24

il-Lussemburgu, 24 ta' April 2024

Sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-205/22 | Naass u Sea-Watch vs Frontex

Il-Qorti Ġenerali tannulla parzjalment id-deċiżjoni ta' Frontex li tirrifjuta talba għal aċċess għad-dokumenti min-naħa ta' Sea-Watch

Billi naqset milli ssemmi ċerti ritratti fid-deċiżjoni tagħha, Frontex ma ġġustifikatx ir-rifjut ta' aċċess għall-imsemmija ritratti

Sea-Watch hija organizzazzjoni umanitarja Ġermaniża li twettaq operazzjonijiet ta' riċerka u salvataġġ fil-Mediterran ċentrali. F' Ottubru 2021, Sea-Watch talbet l-aċċess għal sensiela ta' dokumenti ¹ lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex). Id-dokumenti inkwistjoni kienu kollha marbuta ma' operazzjoni tal-ajru ta' Frontex fil-Mediterran ċentrali li saret fit-30 ta' Lulju 2021. Sea-Watch riedet tiżgura li l-Frontex u l-awtoritajiet ta' ċerti Stati Membri ma kinux kisru, f'din l-operazzjoni, il-prinċipju ta' non-refoulement. It-tipi ta' dokumenti kienu jvarjaw minn rapporti, komunikazzjonijiet, proċessi verbali kif ukoll ritratti u videos marbuta mal-operazzjoni.

Frontex irrifjutat l-aċċess għal total ta' 73 dokument identifikati bħala li kienu jaqgħu taħt il-lista mitluba. Skont Frontex, id-dokumenti kienu jaqgħu taħt diversi eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess, b'mod partikolari l-għan ta' protezzjoni tas-sigurtà pubblika. Barra minn hekk, Frontex irrifjutat li tiżvela parzjalment l-istess dokumenti, minħabba li l-kwantità ta' informazzjoni li kellha tiġi ċċensurata tkun sproporzjonata meta mqabbla mal-informazzjoni residwa li tkun tista' tiġi żvelata u li tali proċess kien jaqgħmel ħsara għall-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

Fis-sentenza tagħha tal-lum, **il-Qorti Ġenerali tiċħad fil-parti l-kbira l-argumenti mressqa minn Sea-Watch kontra d-deċiżjoni tal-Frontex. Madankollu, hija tinnota li l-Frontex naqset milli ssemmi fid-deċiżjoni tagħha l-eżistenza ta' ċertu numru ta' ritratti** koperti mit-talba ta' Sea-Watch. Din l-ommissjoni tfisser li **Frontex ma ġġustifikatx ir-rifjut tagħha ta' aċċess għall-imsemmija ritratti**. Konsegwentement, **il-Qorti Ġenerali tannulla parzjalment id-deċiżjoni tal-Frontex sa fejn hija rrifjutat l-aċċess għar-"ritratti u l-videos kollha relatati mal-operazzjoni tal-ajru fil-Mediterran ċentrali fit-30 ta' Lulju 2021"**.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

Dokument mhux uffċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ](#) u, [fejn applikabbli, is-sommarju](#) tas-sentenza jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq [“Europe by Satellite”](#) ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ Skont ir-[Regolament \(KE\) Nru 1049/2001](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.